# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Novembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 856/01mm**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Gaetano u Mary mizzewgin Debattista**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn , hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2,520.00) import ta' tletin (30) kambjala migbuda mis-socjeta' Paola Motors Limited

gia' Daewoo (Malta) Limited gia' Universal Commerce Agency Company Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' mittenti liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fit-30 ta' April, 1999, 30 ta' Mejju, 1999, 30 ta' Gunju, 1999, 30 ta' Lulju, 1999, 30 ta' Awissu, 1999, 30 ta' Settembru, 1999, 30 ta' Ottubru, 1999, 30 ta' Novembru, 1999, 30 ta' Dicembru, 1999, 30 ta' Jannar, 2000, 28 ta' Frar, 2000, 30 ta' Marzu, 2000, 30 ta' April, 2000, 30 ta' Mejju, 2000, 30 ta' Gunju, 2000, 30 ta' Lulju, 2000, 30 ta' Awissu, 2000, 30 ta' Settembru, 2000, 30 ta' Ottubru, 2000, 30 ta' Novembru, 2000, 30 ta' Dicembru, 2000, 30 ta' Jannar, 2001, 28 ta' Frar, 2001, 30 ta' Marzu, 2001, 30 ta' April, 2001, 30 ta' Mejju, 2001, 30 ta' Gunju, 2001, 30 ta' Lulju, 2001, 30 ta' Awissu, 2001, u 30 ta' Settembru, 2001, rispettivament (Dok. "A1 sa' A30") flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din il-kawza qed issir minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra ntavolati kontra l-istess konvenuti u li ghalihom is-socjeta' attrici qed tipprocedi f'istanzi separati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Frar, 2001, (Dok "B") u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid li gewipprezentati kontestwalment, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fid-19 ta' Novembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit

Deputat Registratur